run4unity

RUN2012

TOGETHER FOR A UNITED WORLD!

Да Sim 是的 Tak Yes Sì ja

**Iva għar-Responsabbiltà**
Naħdmu sabiex il-bliet tagħna
jilqgħu fihom nies ta’ razez u kulturi differenti,
billi nagħrfu s-sbuħija ta’ kull wieħed
u nfittxu dak li jgħaqqadna.

**Iva għall-Ħolqien**
id-dinja ġiet mogħtija lilna bħala rigal;
nieħdu ħsiebha billi nxerrdu kultura ekoloġika,
biex inħalluha saħansitra isbaħ
għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

**Iva għal Ekonomija Ġusta**
għas-servizz ta’ kull persuna
u tal-umanità kollha,
billi nxerrdu l-kultura
tal-qsim tal-ġid.

**Iva għas-Solidarjetà**
il-fqar u l-emarġinati qrib tagħna u 'l bogħod minna
huma ħutna, ma nħalluhomx waħedhom.
Nesiġu anki mill-politiċi tagħna
li jimpenjaw ruħhom fil-ħidma għalihom.

**Iva għall-Ħajja u għall-Familja**
Nirrikonoxxu l-valur u l-ġmiel tal-ħajja
f'kull mument tagħha. Insaħħu r-relazzjoni bejn
il-ġenerazzjonijiet, opportunità biex naqsmu
l-esperjenzi li kull fażi tal-ħajja ġġib magħha
biex b’hekk tissaħħaħ il-familja,
il-pedament ta’ soċjetà miftuħa għall-futur.

**Iva għall-Paċi**
Ngħozzuha fil-ħajja tagħna ta’ kuljum.
Inwieġbu għall-vjolenza bil-maħfra,
inxerrdu t-tama kullimkien.
B'hekk nagħtu s-sehem tagħna biex tinbena dinja fejn
il-ġnus jagħrfu li l-bnedmin huma lkoll aħwa ta’ xulxin.

flash mob in the world

TOGETHER FOR A UNITED WORLD!

www.run4unity.net